MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2009

Talba Numru. 166/2009

**GO p.l.c. (C – 22334)**

**vs**

**Narjiss Company Ltd (C – 34002)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ elf, erba’ mija u tnejn u ghoxrin Euro u tmienja u tmenin centezmi (€1,422.88), liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku numru 21377078 skond kif jirrizulta mid-dokument annessi mal-avviz tat-talba – ‘Dok A u B’.

Illi s-socjeta’ konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baghqet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data ta’ l-ahhar pagament u cioe’ mit-2 ta’ Novembru, 2006 kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li s-socjeta’ konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ra l-atti tal-kawza u sema’ lil Dr Keith Grech li konferma li l-ammont ghadu dovut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta’ elf, erba’ mija u tnejn u ghoxrin Euro u tmienja u tmenin centezmi (€1,422.88), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------